# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rikors Nru. 717/20JRM**

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 933/20 fl-ismijiet:

Av. Joseph **CAMILLERI** bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Portugiża Viagens Abreu S.A.

vs

**PULLMANTUR CRUISES SHIP MANAGEMENT LTD (C – 38532)**, RCL Sovereign LLC (soċjetà estera reġistrata l-Liberja) u Royal Caribbean Cruises Limited (soċjetà estera reġistrata l-Liberja bin-numru 98-0081645)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-14 ta' Awwissu, 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti eżekutati RCL Sovereign LLC u Royal Caribbean Cruises Limited (aktar 'il quddiem imsejħin "l-eżekutati") talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-ħruġ tal-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontrihom mill-intimata eżekutanti Viagens Abreu S.A. (aktar 'il quddiem imsejħa l-"eżekutanti") fit-23 ta' Lulju, 2020, kien bi ksur tal-liġi u/jew abbużiv

u/jew irregolari għaliex, fost l-oħrajn, il-ħtiġijiet għall-ħruġ tiegħu ma tħarsux u/jew ma kinux sodisfatti; (b) tordna t-tħassir tal-imsemmi Mandat għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(b) u/jew 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ċ) issib li l-istess Mandat inħareġ b'mod malizzjuż u/jew fieragħ u/jew maħsub biss biex idejjaq, u/jew li l-eżekutanti naqset milli fi żmien ħmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju titlobhom iħallsuha d-dejn u/jew li ċ-ċirkostanzi finanzjarji tagħhom ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tagħhom u dwar il-kapaċità finanzjarja tagħhom li jħallsu t-talbiet tal-eżekutanti u tikkundanna lill-istess eżekutanti tħallashom penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) u (d) f'każ li din il-Qorti jidhrilha li m'għandhiex tilqa' t-talba għat-tħassir tal-Mandat, li torbot lill-eżekutanti biex tressaq garanzija tajba taħt l-artikolu 838A tal-istess Kodiċi fiż-żmien u fis-somma li jogħġobha tiffissalha u biex, fin-nuqqas, tħassar il-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Awwissu, 2020, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutanti *nomine* u tatu ż-żmien imsemmi fl-artikolu 836(3) biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu għat-talbiet tal-eżekutati;

Rat in-Nota mressqa mill-eżekutati fis-17 ta' Awwissu, 2020[1], b'affidavit u dokumenti mehmużin magħha (Dok "AF9");

Rat in-Nota mressqa mill-intimat eżekutanti *nomine* fl-24 ta' Awwissu, 2020, li biha laqa' għat-talbiet tal-eżekutati billi, għar-raġunijiet hemm dettaljatament imfissra, qalet li l-ebda waħda mit-talbiet tal-eżekutati ma jmissha jew jistħoqqilha tintlaqa' għaliex, għall-kuntrarju ta' dak allegat mill-istess eżekutati, hemm raġunijiet tajbin u serji biżżejjed biex il-Mandat jinżamm fis-seħħ biex l-eżekutanti ma ġġarrabx ħsara li ma tkunx tista' tissewwa għall-ħarsien tal-pretensjonijiet mistħoqqa tagħha kontra l-eżekutati. Bl-istess mod, tilqa' għat-talbiet tal-eżekutati dwar il-kundanna għall-ħlas tal-penali, billi tgħid li hija mxiet mal-jeddijiet mogħtijin lilha mil-liġi u mhux għall-ebda raġuni fiergħa jew vessatorja. Filwaqt li qalet li ma l-eżekutati ma wrewx x'inhi l-"kawża ġusta" li, bis-saħħa tagħha, għandha tkun ordnata tressaq garanzija biex tagħmel tajjeb għad-danni u n-nefqiet marbuta mal-ħruġ tal-Mandat;

Rat in-Nota mressqa mill-eżekutati fit-22 ta' Settembru, 2020[2], b'dokument mehmuż magħha;

Rat l-atti kollha tar-Rikors, magħduda l-għadd ta' dokumenti, u tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi;

---

[1] Paġġ. 256 sa 430 tal-atti
[2] Paġġ. 562 – 570 tal-atti

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti jridu li jitneħħew għal kollox fil-konfront tagħhom l-effetti ta' Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontrihom mill-eżekutant *nomine* fit-23 ta' Lulju, 2020, u dan għall-finijiet tal-artikoli 836(1)(b) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minħabba li għandu jidher ċar mad-daqqa t'għajn li l-eżekutanti ma tista' bl-ebda mod tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontrihom. Minħabba li l-eżekutati jqisu li l-Mandat inħareġ b'mod fieragħ u vessatorju, bla pre-avviż u bla qies tal-qagħda finanzjarja tajba magħrufa tagħhom, iridu li l-Qorti tikkundanna lill-eżekutanti tħallashom penali. Fl-aħħarnett qegħdin jitolbu li, f'każ li l-Qorti ma ssibx li l-Mandat għandu jitħassar, il-Qorti tordna lill-eżekutanti tressaq garanzija biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u tad-danni li huma ġarrbu minħabba l-ħruġ tal-Mandat u li, f'każ li l-eżekutanti tonqos li tressaq il-garanzija fiż-żmien lilha mogħti, li tordna t-tħassir tal-Mandat;

Illi l-kawżali imressqin mir-rikorrenti eżekutati biex isejsu l-ewwel talba tagħhom huma: (a) li waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex fil-fatt teżisti; u (b) li l-ammont mitlub fil-Mandat mhux *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[3]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li mhuwiex la meħtieġ u lanqas xieraq li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat. Bħala fatt jirriżulta li għoxrin jum wara li nħareġ il-Mandat, l-eżekutanti *proprio* fetħet kawża kontra l-eżekutati (u ħaddieħor)[4], b'talbiet dwar il-pretensjonijiet tagħha fl-istess Mandat;

Illi minn <u>dak li jirriżulta mill-atti</u> u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat tallum inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutati (u kontra kumpannija oħra) fit-23 ta' Lulju, 2020, sewwasew dakinhar li din il-Qorti (diversament presjeduta) kienet tat provvediment[5] li bih laqgħet talba magħmula minn bastiment[6] għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat kawtelatorju ta' Mandat ta' arrest maħruġ kontrih[7], bl-istess pretensjoni li l-eżekutanti *proprio* tressaq fil-Mandat tal-lum. Il-Mandat fil-

---

[3] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

[4] Rik. Nru. 709/20RGM (imqiegħda għall-ewwel smigħ għall-4 ta' Novembru, 2020), ara Dok "JC2", f'paġġ. 457 sa 465 tal-atti.

[5] Dok "AF7", f'paġġ. 205 – 210 tal-atti

[6] Dok "AF2", f'paġġ. 52 sa 95 tal-atti

[7] Mand. Nru. 870/20MG, Dok "AF1", f'paġġ. 23 – 5 tal-atti

proċedura tallum kien notifikat lil żewġ sekwestratarji – ir-Reġistratur tal-Qrati u d-Dipartiment tat-Teżor. Il-Mandat inħareġ dwar "sorti" ta' miljun, mitejn u disgħa u sebgħin elf u sittin euro (€1,279,060) u b'kawżali li tgħid li dik is-somma tirrappreżenta "r-rimbors tas-somma kumplessiva ta' miljun, mitejn u disgħa u sebgħin elf u sittin euro (€1,279,060) imħallsa mir-rikorrenti lil Pullmantur Cruises Ship Management Limited, abbażi ta' '*charter agreement*' iffirmat f'Ġunju 2019 b'rabta ma' vjaġġi li kellhom isiru mill-bastiment *M/V Sovereign*, proprjetà ta' RCL Sovereign LLC. Il-pretensjoni qed titressaq fil-konfront ta' Pullmantur Cruises Ship Management Limited bħala soċjetà firmatarja taċ-*Charter Agreement*, iżda wkoll kontra RCL Sovereign LLC bħala s-sid tal-bastiment, u Royal Caribbean Cruises Limited li tagħha RCL Sovereign LLC hija s-sussidjarja, li r-rikorrenti ssostni aġixxew f'kollużjoni ma' Pullmantur Cruises Ship Management Limited biex jevitaw il-ħlas lura tas-somma pretiża";

Illi l-kumpannija eżekutanti *proprio* hija reġistrata fil-Portugall. Iż-żewġ kumpanniji eżekutati huma reġistrati fil-Liberja;

Illi fit-18 ta' Lulju, 2020[8], l-eżekutata RCL Sovereign LLC (bħala sidt il-bastiment *M/V Sovereign*) ressqet Ċedola ta' Depożitu biex tqiegħed taħt l-awtorità ta' din il-Qorti s-somma pretiża mill-eżekutanti fil-Mandat ta' Arrest tal-Bastiment. Dakinhar, il-bastiment talab u kiseb il-ħruġ tal-Kontro-Mandat opportun, wara li l-eżekutanti iddikjarat li ma kellhiex oġġezzjoni għall-ħruġ tal-istess Kontro-Mandat[9];

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrenti jsejsu t-talbiet tagħhom. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li din il-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[10]. Dan qiegħed jingħad l-aktar minħabba li kemm l-eżekutati u kif ukoll l-eżekutanti ressqu bosta sottomissjonijiet u dokumenti li jolqtu l-mertu tal-kwestjoni li hemm bejniethom u ħwejjeġ oħrajn ukoll, li din il-Qorti ma tqisx li posthom huwa fi proċedura bħal din li għandha quddiemha llum. F'din il-proċedura, l-Qorti ma tistax u ma jmisshiex tgħarbel dawn il-provi u s-sottomissjonijiet għar-rigward għaliex b'hekk tkun qiegħda tidħol f'eżerċizzju qabel waqtu li jrid isir (safejn jibqa' rilevanti) waqt is-smigħ tal-kawża fil-mertu;

[8] Ċed. Nru. 994/20, Ara Dok "AF8", f'paġġ. 211 – 2 tal-atti
[9] K/Mand Nru. 897/20ISB, Ara Dok "AF8", f'paġġ. 213 – 9 tal-atti
[10] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

Illi l-Qorti tqis ukoll li din il-proċedura tressqet minn tnejn mit-tliet eżekutati fil-Mandat mertu tal-każ. Kemm hu hekk, l-eżekutati jisħqu ħafna li huma m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-eżekutata l-oħra – Pullmantur Cruises Ship Management Ltd. – fil-kwestjoni li l-eżekutanti ressqet quddiem il-Qrati f'Malta (l-eżekutanti tgħid mod ieħor) u jidher ċar li huma ma nedewx din il-proċedura wkoll f'isem it-tielet eżekutata. Dan ifisser li, ukoll jekk kellhom jintlaqgħu t-talbiet tal-eżekutati għat-tħassir tal-Mandat, dawn jintlaqgħu biss u safejn jolqtu lill-imsemmija żewġ eżekutati, imma jħallu l-Mandat fis-seħħ fir-rigward tal-eżekutata l-oħra;

Illi r-rikorrenti eżekutati jsemmu żewġ kawżali li dwarhom jistennew li t-talbiet tagħhom jiġu meqjusa:

A) <u>Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti</u> [Art. 836(1)(b)]. Taħt din il-kawżali l-eżekutati jisħqu li l-eżekutanti ma għandha l-ebda pretensjoni siewja kontra xi waħda minnhom u lanqas tgħodd għalihom xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 742(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li bihom xi qorti f'Malta jista' jkollha s-setgħa jew ġurisdizzjoni kontrihom *in personam*. Għalhekk, jgħidu li għandu jkun ċar mad-daqqa t'għajn li l-Mandat ma messu nħareġ qatt kontra xi waħda minnhom sa mill-bidunett. Imbagħad, jgħaddu b'mod mirqum biex imieru x-xiljiet tal-eżekutanti dwar qerq, raġġiri, kollużjoni u mala fidi fil-mod kif intemm il-kuntratt tal-*Bareboat charter* dwar il-bastiment *M/V Sovereign* u dak li seħħ wara sa ma l-imsemmi bastiment inqabad bil-Mandat ta' Arrest f'Lulju tal-2020. Raġuni oħra li l-eżekutati jġibu 'l quddiem u li jisħqu fuqha ħafna hija li Qorti f'Malta diġà laqgħet it-talba għat-tħassir ta' Mandat ta' Arrest ta' bastiment ta' waħda minnhom, u għalhekk il-ħruġ tal-Mandat tallum sar b'ħażen u b'mod fieragħ;

Illi l-eżekutanti twarrab b'qawwa dawn l-argumenti. Hija tgħid li kemm meta talbet il-ħruġ tal-Mandat u kif ukoll issa, il-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ ta' dak il-Mandat baqgħu bla mittiefsa. Hija għandha pretensjoni kontra l-eżekutati, ressqet f'waqtha l-kawża biex tiddeduċi dawk il-pretensjonijiet u talbet il-0ħruġ tal-Mandat għaliex dak kien il-mezz li bih setgħet tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha u ħarġitu taħt ir-responsabbiltà tagħha. Fuq kollox, il-Mandat iħares kulma titlob il-liġi għall-ħruġ tiegħu. Imbagħad, tgħaddi biex hija wkoll, b'mod mirqum, turi għaliex tara rabta bejn l-eżekutati kollha f'dan il-Mandat u għaliex tqis li jridu jwieġbu għat-talbiet tagħha fil-kawża;

Illi l-Qorti tagħraf li din id-dispożizzjoni tal-liġi, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li,

wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[11]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;

Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li l-eżekutati jilmintaw mill-fatt li l-Mandat maħruġ mill-eżekutanti ma jiswiex għaliex messu deher mad-daqqa t'għajn mill-ewwel li l-Mandat ma setax jinħareġ kontra l-ebda waħda minnhom u li huma ma humiex passibbli għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati f'Malta dwar il-pretensjonijiet. Minbarra dan, ladarba l-Mandat ta' Arrest tal-bastiment kien tħassar, ġiet nieqsa waħda mill-ħtiġiet li l-Mandat jinħareġ kontrihom, fin-nuqqas sħiħ ta' xi rabta ġuridika bejnhom u l-pretensjonijiet tal-eżekutanti;

Illi l-Qorti, meta fliet sewwa l-argumenti u l-provi dokumentali mressqa miż-żewġ naħat, tgħid biss li l-argument tal-eżekutati ma jistax jintlaqa'. Bla ma bl-ebda mod tagħti xi fehma li tmur lil hinn minn dak li għandu jingħad fi proċedura bħal din, ir-rabta bejn l-intimati eżekutati kollha fil-ġrajja tal-kiri tal-bastiment u ta' x'seħħ wara m'hijiex waħda li tista' tgħid f'ħakka t'għajn li tolqot li xi waħda jew li teskludi lill-oħra. L-organigramma[12] dwar il-bosta entitajiet kummerċjali fi ħdan il-Grupp "Royal Caribbean" tixhed nisġa ta' interessi azzjonarji jew benefiċjarji li jitolbu stħarriġ xieraq fil-proċedura ewlenija fil-mertu. Fit-tieni lok, din il-kwestjoni hija sewwasew waħda li tabilfors se titqajjem fil-kawża miftuħa mill-eżekutanti u ma jkunx xieraq li bil-kunsiderazzjonijiet li l-eżekutati qegħdin jistiednu lill-Qorti tagħmel f'din l-istanza, isiru xi osservazzjonijiet li jkunu prematuri u li jmisshom jitqiesu sewwasew meta l-Qorti tkun qiegħda tistħarreġ dik il-kwestjoni;

Illi, fit-tielet lok, ir-raġuni miġjuba mill-eżekutati taħt din il-kawżali kienet teżisti sa mill-waqt li tressaq il-Mandat u ma kenitx ċirkostanza li seħħet wara u li minħabba fiha jista' jingħad – fil-kliem tas-sub-artikolu taħt eżami – li l-ħtieġa tal-ġurament "ma tkunx għadha fil-fatt teżisti". Il-fatt li Qorti kienet laqgħet it-talba tal-bastiment għat-tħassir tal-Mandat maħruġ

---

[11] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***

[12] Ara Dok "JC12", f'paġ. 550 tal-atti

kontrih ma tissarrafx, waħedha, f'raġuni tajba biex issejjes il-kawżali li ġiet nieqsa xi waħda mill-ħtiġiet għall-ħruġ tal-Mandat tallum. Dak il-Mandat kien tħassar qabel ma nħareġ il-Mandat tallum (kemm hu hekk, dan il-Mandat inħareġ hekk kif ingħata l-provvediment għat-tħassir tal-Mandat l-ieħor). Minbarra dan, ir-raġuni għat-tħassir ta' dak il-Mandat ma tolqotx s-siwi tal-Mandat li l-Qorti għandha quddiemha llum għaliex, għalkemm il-kawżali li dwarha nħareġ tixbah dik li fuqha ntalab u nħareġ il-Mandat l-ieħor, il-pretensjoni tal-eżekutanti qiegħda titressaq fil-konfront tal-eżekutati għal ħwejjeġ oħra li jolqtu lilhom *in personam* u mhux aktar lill-bastiment *in rem*;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li r-rikorrenti eżekutati ma seħħilhomx juruha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

B) <u>L-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Din il-kawżali tidher li hija konsegwenzjali għall-argument tal-eżekutati fil-kawżali ta' qabilha. Iżidu jgħidu li l-Qorti għandha d-dmir taċċerta li l-eżekutanti għandu jitwemmen u li l-allegazzjonijiet tiegħu jkunu almenu plawsibbli u ta' min joqgħod fuqhom. Huma jistqarru li dan jidher fir-rigward tal-eżekutata l-oħra (Pullmantur Cruises Ship Management Ltd), billi hemm ħjiel ta' inadempiment min-naħa tagħha, imma fir-rigward tagħhom żgur li ma hemm xejn minn dan. Huma jgħidu li l-eżekutata qiegħda tispekula fuq ix-xilja tal-qerq, maniġġi u mala fidi u tipprova tinqeda bil-Mandat bil-għan li, fil-kawża li fetħet, tipprova tneżżagħhom mill-personalità ġuridika u distinta tagħhom ħalli ġġibhom ħaġa waħda ma' dik l-eżekutata l-oħra. Itemmu jgħidu li l-għan veru wara l-ħruġ kontrihom tal-Mandat huwa biex l-eżekutanti tagħmel minn kollox li s-somma depożitata minn waħda minnhom taħt l-awtorità tal-Qorti tibqa' ma tiġix żbankata. Għalhekk, mill-atti jmissu jidher li hemm nuqqas ta' qbil lampanti bejn l-allegazzjonijiet pretiżi, il-fatti in eżami u s-sens komun;

Illi l-eżekutanti wkoll twarrab dawn l-argumenti wkoll u tisħaq li l-argument tal-eżekutati mhuwiex daqstant dwar jekk l-ammont pretiż fil-Mandat huwiex wieħed eżaġerat, imma jekk huwiex ġustifikat mad-daqqa t'għajn fil-konfront tagħhom;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u

l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[13];

Illi r-raġunijiet li l-eżekutati jġibu ’l quddiem biex jgħidu li l-Mandat mhuwiex ġustifikat mad-daqqa t’għajn jerġgħu jduru mal-kwestjoni jekk il-pretensjoni tal-ħlas li l-eżekutanti għandha dwar il-kiri tal-bastiment tistax tinġieb kontrihom. Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-argumenti huma stedina lil din il-Qorti biex tagħti l-fehma tagħha dwar pożizzjonijiet fundamentali meħuda mill-partijiet f’din il-kwestjoni. Minn qari tat-talbiet magħmulin mill-eżekutanti fil-kawża li fetħet fil-mertu dwar il-pretensjonijiet tagħha f’dan il-Mandat, joħroġ ċar li hemm premessi speċifiċi fil-konfront tal-eżekutati li jfissru għaliex hija qiegħda tiġġustifika l-ħruġ tal-Mandat kontrihom ukoll. Għar-raġunijiet imsemmija qabel, din il-Qorti ma trid bl-ebda mod tagħti ġudizzju dwar is-siwi ta’ dawk it-talbiet, imma għaliha huma biżżejjed biex juru li ma jistax jingħad li, mqar mad-daqqa t’għajn, il-Mandat inħareġ kontrihom għalxejn jew mingħajr ġustifikazzjoni. X’se’ jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża hija ħaġ’oħra, u ma għandhiex tkun raġuni u kejl biex b’hekk tilqa’ t-talba għat-tħassir tal-Mandat;

Illi għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrenti fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

Illi r-rikorrenti eżekutati talbu wkoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta’ penali[14]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista’ taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta’ din, b’piena ta’ ħlas ta’ penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa[15], irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f’dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[16]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta’ ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b’abbuż;

Illi f’dan il-każ, jidher li l-eżekutati jsemmu ċ-ċirkostanzi maħsuba taħt l-artikolu 836(8)(b), (ċ) u (d) tal-Kap 12, jiġifieri (i) n-nuqqas ta’ tħassir tal-

[13] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[14] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[15] P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[16] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

Mandat wara talba li tkun saret mill-eżekutat jew li l-eżekutant jonqos li juri li fi żmien ħmistax-il jum qabel ma talab il-ħruġ tal-Mandat kien talab lill-eżekutati jħallsu s-somma pretiża; (ii) jekk iċ-ċirkostanzi tal-eżekutat ma jagħtux lok għad-dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u l-ħila finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tal-eżekutant u li tali qagħda kienet magħrufa sew; u (iii) jekk it-talba tal-parti għall-ħruġ tal-Mandat kenitx waħda malizzjuża, fiergħa jew sempliċement biex iddejjaq;

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, l-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu. Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan tal-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex iżomm dak il-Mandat fis-seħħ;

Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[17], u biżżejjed tkun waħda verbali. Fil-każ tal-lum, l-eżekutati jgħidu li huma ma ntalbux mill-eżekutanti biex iħallsuha l-ammont pretiż minnha qabel ma talbet il-ħruġ kontrihom tal-Mandat. Minn dokumenti mressqa jidher li, sa dakinhar li nħareġ il-Mandat, l-eżekutanti ma kenitx interpellat lill-eżekutati dwar il-pretensjonijiet tagħha;

Illi l-eżekutanti tistkenn wara l-argument li l-qagħda ma kinitx tali li tippermetti l-formalità tal-interpellazzjoni minħabba li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-Mandat[18];

Illi l-Qorti jidhrilha li ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi għall-kundanna tal-penali ma jirriżultawx. Mill-atti jidher li l-pretensjonijiet tal-eżekutanti kienu magħrufa minn tal-anqas waħda mill-eżekutati (sidt il-bastiment) minħabba l-att kawtelatorju li l-eżekutanti kienet ħarġet biex arrestat il-bastiment. Kienet ukoll waħda mill-eżekutati li ipprovdiet il-fondi biex tressqet iċ-ċedola ta' depożitu li ħalliet li l-bastiment tagħha seta' jsalpa minn Malta u li wassal għat-tħassir tal-Mandat ta' Arrest. Minbarra dan, il-Qorti lesta tagħraf ukoll l-element tal-urġenza li ħakem lill-eżekutanti hekk kif ingħata l-provvediment għat-tħassir tal-Mandat ta' Arrest kontra l-bastiment u l-eżekutata talbet l-iżbank tal-ammont depożitat biċ-ċedola. Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti ma taqbilx mal-fehma magħmula mill-eżekutati li n-nuqqas ta' kundanna tal-eżekutanti għall-ħlas tal-penali tagħti messaġġ skorrett lil kull min għandu kreditu kontra xiħadd li jipproċedi b'impunità kontra ħaddieħor minflok. Dak il-messaġġ kien jingħata li kieku l-parti eżekutata kienet tirriżulta tassew barranija għall-ġrajja li toħloq il-pretensjoni. F'dan il-każ, u għar-

[17] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)
[18] *Proviso* tal-art. 836(8)(b) tal-Kap 12

raġunijiet li ssemmew qabel u li m'hemmx għalfejn jittennew, il-qagħda ma tidhirx li hija hekk. F'kull każ, il-Qorti tqis li f'dan il-każ tista' tinqeda bid-diskrezzjoni tagħha li ma tapplikax is-sanzjoni tal-kundanna tal-ħlas tal-penali taħt din il-kawżali;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, ingħad li għall-finijiet ta' din il-kawżali, il-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-Mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidità tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew. Minbarra dan, ingħad ukoll li mqar jekk parti sekwestrata turi li tgawdi qagħda finanzjarja tajba, tali ċirkostanza ma jfissirx li kreditur tagħha ma jistax jinqeda bl-għodda kawtelatorji li tagħti l-liġi biex iħares pretensjonijiet raġonevoli u mhux bil-għan li tirrikatta lis-sekwestrat[19];

Illi f'dan ir-rigward, l-eżekutati jgħidu li l-qagħda finanzjarja tajba tagħhom hija magħrufa mad-dinja kollha bħala waħda mid-ditti l-aktar avvjati u qawwijin fil-qasam minbarra li jinsabu kwotati fl-aqwa Boroż[20]. Itennu li ma għandu jitħalla l-ebda dubju f'moħħ kulħadd li jekk kemm-il darba jirriżulta li l-pretensjoni tal-eżekutanti għandha mis-sewwa u tingħata raġun, huma f'qagħda li jissaldaw bla tnikkir id-dejn talvolta kanonizżat;

Illi l-eżekutanti tilqa' għal dawn l-argumenti. Fl-ewwel lok, hija tgħid li huwa daqstant ieħor fatt magħruf li, minħabba l-pandemija, l-industrija kollha tal-"*cruiseliners*" mad-dinja kollha ħadet daqqa ta' ħarta u ġarrbet telf massiċċ, b'bosta talbiet għall-ħlas mhux imwettqa. Tressaq fl-atti wkoll provi li juru li l-eżekutati qegħdin jinżgħu minn xi bastimenti tagħhom stess (magħdud fosthom il-bastiment li kontrih kien inħareġ il-Mandat ta' Arrest), waqqfuhom mis-servizz u bagħtuhom għat-tqattigħ ("*scrap*")[21]. Fit-tieni lok, issemmi li ż-żewġ eżekutati huma reġistrati f'ġurisdizzjoni fejn l-eżekuzzjoni tal-eventwali titolu tipprovdi taħbit kbir;

Illi l-Qorti ma tistax toqgħod fuq it-tieni argument tal-eżekutanti, iżda ssib li l-ewwel wieħed jiswa. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali li ssemmew qabel, il-Qorti tqis ukoll li, mix-xhieda mressqa[22] ħareġ li l-eżekutati jistqarru li għaddejjin ukoll minn proċess ta' "ristrutturar finanzjarju" miġjub, kif jgħidu, mid-djun kbar li Pullmantur kellha magħhom u baqgħet ma ħallsitx;

[19] P.A. MCH **4.9.2017** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Integrated Business Systems Ltd vs Crimsonwing p.l.c.***
[20] Ara Dok "AF17", f'paġġ. 238 – 240 tal-atti
[21] Dok "JC1", f'paġġ. 453 – 5 tal-atti
[22] Affidavit ta' Bradley Stein, Dok "AF9", f'paġ. 265 tal-atti

Illi dwar it-tielet ċirkostanza, ir-rikorrenti eżekutati wkoll jibnuha fuq l-allegazzjoni li l-ħażen tal-intimata eżekutanti joħroġ mill-fatt li għażlet li titlob il-ħruġ tal-Mandat sempliċement b'kapriċċ u bil-ħsieb li titfa' pressjoni illeġittima fuqhom. L-eżekutanti twarrab din ix-xilja u tgħid li hija kellha kull raġuni titlob il-ħruġ tal-Mandat u kull jedd li tmexxi b'ħarsien tal-pretensjonijiet tagħha;

Illi l-Qorti diġà qieset li ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimata eżekutanti kellha raġunijiet tajbin biżżejjed biex titlob il-ħruġ tiegħu. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li ddejjaq lir-rikorrenti eżekutati;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġà magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[23]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[24];

Illi, għalhekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-atti, u wara li l-Qorti ħasbet sewwa u fit-tul fuq il-kwestjoni, ma jidhirx li huwa l-każ fejn l-intimata eżekutanti għandha tkun kundannata tħallas penali. Dan, naturalment, jingħad dejjem bla ħsara għal kull jedd talvolta spettanti lill-istess eżekutati li 'l quddiem u fis-sedi opportuna jressqu pretensjonijiet kif imiss jekk, wara l-kawża fil-mertu, jirriżultaw fatti li din il-Qorti f'dan l-istadju ma tafx bihom jew li dwarhom il-Qorti li quddiemha miexja l-kawża 'l quddiem tasal għal fehmiet oħrajn preċiżi għar-rigward;

Illi dwar it-talba tar-rikorrenti eżekutata għall-għoti ta' garanzija irid jingħad li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[25]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili[26];

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament

[23] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[24] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)
[25] Ara P.A. GC **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[26] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[27], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

Illi, b'żieda ma' dan kollu, talba għall-għoti ta' garanzija taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12 tista' tintlaqa' biss, bħal f'dan il-każ tallum, fejn ma tkunx intlaqgħet it-talba għat-tħassir tal-Mandat;

Illi l-eżekutati jirrilevaw li din it-talba ressquha għaliex ma hemmx dubju li bil-ħruġ u biż-żamma fis-seħħ tal-Mandat kellhom jidħlu fi spejjeż u jorbtu flejjes konsiderevoli għal medda ta' żmien mhux qasira sakemm jintemm għal kollox il-proċess ġudizzjarju. Huma jisħqu wkoll fuq il-fatt li l-eżekutanti *proprio* m'għandha l-ebda ġid jew assi f'Malta u għażlet li tiftaħ proċeduri fil-Qrati Maltin minflok mexxiet fil-Qrati fi Spanja;

Illi l-eżekutanti tgħid li ma hemjm l-ebda "kawża ġusta" li tiġġustifika l-ordni għat-tressiq min-naħa tagħha ta' xi garanzija minħabba li talbet il-ħruġ tal-Mandat. Il-Mandat ma nħariġx b'ħażen u lanqas għal raġuni fiergħa. Il-fatt li tinsab reġistrata f'pajjiż ieħor u li m'għandhiex ġid f'Malta lanqas ma għandu jkun raġuni għaliex għandha tkun ordnata tagħti garanzija;

Illi meta jittieħed b'qies ta' dawn iċ-ċirkostanzi flimkien, il-Qorti ssib li l-eżekutati seħħilhom juruha fil-grad tal-*prima facie* li hemm tabilħaqq raġuni tajba li twassalha biex tordna lill-intimata eżekutanti tintrabat bil-garanzija maħsuba fl-artikolu 838A tal-Kap 12. Din iċ-ċirkostanza toħroġ mill-fatt li l-eżekutanti ma għandha l-ebda ġid jew assi f'Malta[28], u għalkemm il-pretensjonijiet tagħha huma ta' ċerta konsistenza, mhux żgħar lanqas huma l-konsegwenzi fuq l-eżekutati, li s-somma depożitata taħt l-awtorità ta' din il-Qorti hija għalihom riżorsa meħtieġa li hija "mejta" fi żminijiet iebsa fid-dinja tal-kummerċ;

---

[27] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

[28] Ara P.A. GCD **8.4.1997** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Avv. Dr. Victor Borġ Grech noe vs Victor Cavalov bħala kaptan tal-vapur M/v Plopeni*** (mhix pubblikata)

Illi wara li qieset il-fatti kollha tal-każ u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li għandha tordna t-tqegħid min-naħa tal-eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għall-eventwalità ta' ħsara, imgħax u spejjeż li r-rikorrenti eżekutati jistgħu juru li ġarrbu minħabba l-ħruġ tal-Mandat. Il-Qorti qiegħda tistabilixxi tali garanzija fis-somma ta' mija u ħamsin elf euro (€ 150,000), liema garanzija għandha titressaq fi żmien għoxrin (20) jum minn dak inhar li kopja ta' dan il-provvediment tkun notifikata lill-eżekutant *nomine*, liema notifika għandha ssir mill-eżekutati u bi spejjeż għalihom. Jekk il-garanzija ma titressaqx, il-Mandat għandu jitħassar;

Illi għalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti eżekutati;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti eżekutati billi:

**Tiċħad l-ewwel talba** tagħhom għaliex ma wrewx li hemm raġuni tajba għaliex il-Mandat maħruġ kontrihom għandu jitħassar;

**Tiċħad it-tieni talba** fil-liġi fir-rigward għall-kundanna għall-ħlas tal-penali billi ma hijiex mistħoqqa u la fil-fatt u lanqs fid-dritt;

**Tilqa' t-tielet talba** tagħhom u tordna li l-intimata eżekutanti Greyhound International Limited, fil-kwalita' premessa, tressaq garanzija bankarja tajba għall-ammont ta' mija u ħamsin elf euro (€ 150,000) fiż-żmien u bil-mod li ssemma aktar 'il fuq; u

Tordna li l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jinqasmu bejn il-partijiet f'żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) għall-istess rikorrenti eżekutati u terz ($^{1}/_{3}$) għall-intimata eżekutanti.

Mogħti kameralment illum, it-Tnejn, 5 ta' Ottubru, 2020.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

Komunika: Rikorrenti eżekutati: Avv. Ann Fenech LL.D.
Intimata eżekutant *nomine*: Avv. Joseph Camilleri LL.D.
(Kopja għan-notifika lill-partijiet)